# Wara Sidu sal-Mewt

(*Ta'* A. Cremona)

Hadd ma kien baqgħalhom ħabib ħlief il-Fox, il-kelb li kellhom mir-razza tal-klieb ta' Terranova, għoli, bil-pil twil, lewn kannella ċar, widnejn twal, għajnejn suwed. Kienu rabbewh ċkejken b'għożża kbira, billi kienu sabuh taħt ħajt ta' għalqa jingħi, imterter bil-bard, meta Ġolinu kien darba ma' missieru ħareġ jiġbor l-egħkierex, wara ħalba xita fil-bidu taxxitwa. Ġolinu kien ġabru u għamlu f'ħobbu biex jisħon u baqa' jisqih il-ħalib u jitimgħu sa ma tfarfar u sar daqsxejn ta' ġeru ġmielu. Kull fejn imur erħilu l-kelb jiġri għal warajh. Ġolinu minn tifel ta' erba' snin kien kiber u laħaq id-disa' snin. Fox kien kiber ukoll u iġġissem ġmielu għax l-ewwel ma jiekol hu, imbagħad Ġolinu. Ġolinu xejn ma kien jinżillu mingħajr qabel ma jdewwaqha lil Fox.

Missier Ġolinu, li għamel ħabta jaħdem bit-trakk fl-inħawi tal-kwartieri tas-suldati ta' ......... dlonk kont tarah ġej lejn id-dar b'qartas oħxon ta' fdalijiet ta' laħam u patata għal Fox ta' Ġolinu, u Fox erħilu jibla' u jeħġem daqs nagħma u jferfer denbu u jifraħ b'sidu ċ-ċkejken.

Kienet faqqgħet il-gwerra li magħha ġiebet għaks kbir. Fiddar naqas il-ħobż u mal-ħobż ħwejjeġ oħra ta' l-ikel, mil-laħam sas-sardin : in-nies ma kinetx issib x'tiekol ħlief fażola mgħollija u ħwejjeġ ippreservati : *bully beef* tiela' u aringi biz-zalza nieżla u minnu kien jeħtieġlu jiekol il-kelb. Il-għaks dlonk beda jidher fih ; il-kelb beda jogħlob bis-sigħat u Ġolinu, kollu ħosbien, iħares lejn il-ħabib tiegħu u kultant taqbiżlu xi demgħa meta jara lill-kelb iħares lejh bil-ħniena fil-waqt li jkun qed ilaqqat mill-platt il-frak tal-laħam jew ta' aringi ippreservati, u, wara li jitfagħlu xi loqma ħobż imċappsa bil-grass ta' dak il-laħam jarah jixxabbat ma' saqajh sakemm, qalbu maqtugħa, jinxteħet fejn riġlejh u jogħnos.

Ġolinu kien tassew iħobbu lill-kelb u l-kelb kien tassew iħobb liċ-ċkejken sidu, iktar u iktar, mindu sidu kien tilef lil missieru u ma kienx baqagħlu fid-dinja ħlief 'l ommu.

Missier Ġolinu, malli faqqgħet il-gwerra, ma kienx baqa' bil-bhima u bil-karrettun jagħmilha ta' burdnar. Ix-xogħol tal-ġarr bil-bhima kien naqas mindu għat-tagħbijiet tal-merkanzija kienu daħlu t-trakkijiet. Il-ġwież kien naqas u għola u minnufih biegħ

il-bhima. Tgħallem isuq it-trakk u beda jaħdem ma' kuntrattur tas-Servizz ta' l-Ajru, li kellu f'idejh xi xogħlijiet ta' bini, ħatt u taħfir ta' xeltrijiet f'Ħall Far. Darba waħda fil-bidu ta' l-attakki mill-ajruplani tal-Ġermaniżi, fil-waqt ta' attakk qawwi tal-għadu fuq l-ajrudromi ta' Ħal Luqa u Ħal Far, l-imsejken ta' missier safa' mejjet bir-riħ ta' bomba mitfugħa ftit 'il bogħod mill-bokka ta' xelter fil-waqt li kien tielaq jiġri biex jistkenn.

Ġolinu kien joqgħod m'ommu fl-inħawi tal-Marsa; l-iskola fejn kien imur jitgħallem kienet għalqet u ommu daħħlitu jitgħallem is-sengħa ma' wieħed li kellu maħżen tat-tiswijiet ta' karrozzi u *motor cars*, f'qiegħ il-Marsa. Ommu, Mananni, ta' dwar erbgħin sena, kienet tmur taħsel fid-djar u hekk, b'dik ix-xi ħaġa ċkejkna li ħarġilha l-Uffiċċju tal-Gwerra fuq it-telfa ta' żewġha waqt ix-xogħol u b'dak li kienet taqla' bil-ħasil kienet iġġannat biex tgħix ħażin ħażin hija u binha f'dawk iż-żmenijiet ta' għaks u għoli ta' ħajja. Iżda binha Ġolinu ftit kien iħabbel moħħu meta kien ikollu jnaqqas minn żaqqu biex jitma' lil ħabibu tal-qalb, lil Fox. Fox, mill-banda l-oħra kont taraħ madwar sidu dejjem, ħlief meta dan kien ikun il-maħżen.

Kull filgħodu, malli Ġolinu jitlob il-barka t'ommu u jitlaq għax-xogħol, Fox jibda jferfer denbu, jimxi għal warajh, iżda jibqa' jħares lejh sakemm Ġolinu jagħtih f'ħalqu s-sorra li fiha ommu tkun għamtitlu l-ħobż u xi ħaġa oħra biex iġewweż biha.

Malli jaslu quddiem il-bieb tal-maħżen, Fox jieqaf u jibqa' jħares lejn sidu sakemm dan joħodlu s-sorra minn ħalqu. Hekk kif sidu jidħol ġol-maħżen, Fox jarġa' jitlaq jiġri lejn id-dar.

Fox fil-waqt li jkun qed iġorr dik is-sorra ta' sidu ma kontx turih biċċa laħam jew xi biċċa għadma u jitlaqha fl-art biex jaħtaf il-biċċa laħam jew għadma li tagħtih. Dik il-biċċa xogħol kien wisq għajjur għaliha u miskin int tmur tinbxu jew tfixklu fiha. Darba waħda li tifel biex jiċċajta mar ħataflu għalgħarrieda dik is-sorra minn ħalqu, ħebb għalih, u, li kieku t-tifel ma telaqx fl-art is-sorra minnufih u Ġolinu ma marx jaqbad lill-kelb mill-kullar, il-kelb kien iċarratlu ħwejġu u idejh.

* * *

Il-gwerra ta' l-ajru kienet fl-aqwa tagħha fl-inħawi tax-xtut tal-Mediterran, bejn Sqallija, Malta u t-Tripolitanja. Ma kenitx tgħaddi ġurnata li l-ajruplani Ġermaniżi ma kinux jagħmlu l-attakki tagħhom fuq l-ajrudromi ta' Ħall Far u Ħall Luqa u fuq

il-Port meta jilmħu bastiment dieħel Malta. Kienet il-ħabta li Malta kienet qiegħda tistenna minn waqt għal ieħor xi bastimenti bil-proviżjonijiet li dlonk kienu skarsaw x'ħin fil-bogħod dehru ġejjin qajla qajla ifeġġu minn ġewwa sħaba ta' dħaħen tliet bastimenti mdawrin b'żewġ bċejjeċ tal-gwerra għassa magħhom. F'daqqa waħda, bħal isqra dehru neżlin għal fuqhom tliet ajruplani tal-għadu. Fis-smewwiet ma kontx tara ħlief mewġ ta' sħab iswed u abjad minfud minn sriep ta' nirien u ma kontx tisma' ħlief it-tfaqqigħ ta' balal tal-kanuni. Minnufih bħal maħrubin minn ġewwa dak l-infern ta' nirien daħlu fil-Port għal ġewwa l-Marsa t-tliet bastimenti. L-ajruplani tal-għadu nħbew għalkollox; iżda ma damux ma reġgħu dehru fuq id-daħliet tal-Marsa hekk kif l-ajru ssaffa, u bdew jixtħu xita ta' balal fuq bastimenti, braken u mħażen. Dak in-nhar l-attakki baqgħu sejrin għal sigħat sħaħ sa wara nofs in-nhar.

* * *

Mananni, omm Ġolinu, dak in-nhar kienet għodu għodu telqet lejn ir-Rabat biex taħsel għand nies li fi żmien il-gwerra kienu telgħu jistkennu hemmhekk mill-attakki tal-għadu u li qabel il-gwerra kienu joqogħdu Bormla fejn Mananni kienet soltu tmur taħslilhom. Hija u nieżla għal fil-għaxija fuq il-karozza biex tingabar lejn darha kienet semgħet lil xi nies isemmu l-ħsarat li saru dak in-nhar bil-bombi tal-għadu fuq il-Port u fl-inħawi tal-Marsa fejn il-vapuri li waslu mgħobbija bil-proviżjonijiet kienu daħlu biex iħottu. Hija kienet sajma minn kollox għax dawk l-attakki hekk ħorox qajla nħassu lejn ix-xaqliba tal-punent tal-Gżira, l-iktar fl-inħawi ta' l-Imdina, fejn hija kienet qiegħda taħdem. Għaddielha mitt ħsieb minn rasha, qabadha bħal taqtiq ta' qalb u keilha mitt sena biex tfittex tasal f'darha. Lil Ġolinu kienet ħallictu fis-sodda qabel ma telqet kmieni lejn ir-Rabat u ewl il-lejl kienet ħallietlu s-sorra bl-ikel. Ġolinu minn filgħaxija kien qafel il-kelb fil-bitħa ġewwa l-kamra ta' l-injam biex dan filgħodu ma jmurx urajh.

— "Naħseb li Ġolinu telaq kmieni minn fuq ix-xogħol imħabba l-kelb, li min jaf kemm iddejjaq waħdu, miskin", qabdet taħseb.. Iżda dlonk għaddiet minn moħħa bħal sħaba sewda li tefgħetha f'baħar ta' swied il-qalb. — "Min jaf tarġa' Ġolinu, x'għamel, fejn mar jistkenn f'dawk l-attakki? — Min jaf laħaqx ħareġ — min jaf il-balal tal-għadu laqtux il-maħżen?"

B'dan it-taqlib ta' ħsibijiet koroh, waslet mingħajr nifs lejn it-trieq ta' darha u ,malli kienet għoddha laħqet biebha laħquha xi nies ġirien tagħha biex jistaqsuha fuq binha li kien għadu ma ngabarx.

Mananni nħasdet; demmha kesaħ u lsienha ma setgħetx tħarrku bit-tkexkixa li ħasset ma' ġisimha kollu. Riedet twieġeb u tistaqsi, iżda ma felħetx tiftaħ fommha; fl-aħħar telqithom bla kliem u resqet lejn il-bieb ta' darha mitlufa minn sessiha. Bir-rogħda f'idejha daħħlet il-muftieħ fit-toqba tas-serratura u fetħet. Kien għadu ma dalamx; kullimkien magħluq: it-tieqa, il-bieb tal-bitħa. Binha ma kienx jidher li daħal. Mal-passi tagħha, semgħet it-tħarbix ta' saqajn il-kelb li wara ftit semgħetu jingħi wkoll. Dlonk fetħitlu u hu kollu ferħan beda jfer-fer denbu u jitla' magħha u jdur mal-kmamar biex ifittex lil sidu.

Żewġ nisa mill-ġirien, l-iktar ta' ġewwa, daħlu warajha. "X'waħda din! Għadu ma ġiex", infexxet tgħid b'nifisha maqtugħ u ħarset lejhom biex donnha tisirqilhom minn għajnejhom xi ħaġa li huma ma xtaqux igħidulha. — "Imma tgħid ġralu xi ħaġa?" — staqsiet kollha miblugħa. Iż-żewġ nisa ħarsu lejn xulxin bla ma fetħu fommhom. Mananni nxteħtet fuq is-siġġu ta' fejn is-sodda u nfexxet tibki. Ħbiebha daru magħha u, mill-aħjar li setgħu, bdew ifehmuha li m'għandhiex għalfejn timla rasha u li forsi binha għadu l-maħżen jew mar igħin lil xi nies li ġratilhom xi ħsara fil-bini.

Il-kelb, wara li qagħad ifittex fl-irkejjen kollha tad-dar u jxammam 'l hawn u 'l hinn, ħareġ mill-bieb u telaq b'ġirja waħda lejn il-Marsa.

* * *

Fox wasal, jew għalih kien wasal, quddiem il-maħżen fejn kien jaħdem sidu. Iżda, flok maħżen, sab ħerba ta' ġebel imwaqqa'. Ix-xemx kienet waslet biex tgħib u d-dija fietla tagħha kienet għadha tnemnem fuq l-inħawi ta' dak il-bini mwaqqa' mill-balal tal-għadu. Fox waqaf bħal imħasseb, imbagħad beda jdur madwar dak il-ġebel u jingħi bħal donnu jrid jitkixxef kif kien dak il-maħżen fejn kien jaħdem sidu m'għadux wieqaf; imbagħad waqaf iħares lejn il-kotra tan-nies imxammra b'sidirha miftuħ li kienet qiegħda tqalleb u tqanqal il-ġebel u tnaddaf id-debris bil-pala, bil-qfief u tħarrek u tarfa' l-ġebel b'għodod ta' l-idejn, bi gruwiet, b'wenċijiet u b'makni oħra ta' l-irfigħ. Ma'

dawn il-ħaddiema kien hemm xi nies ta' l-A.R.P., kif ukoll nies oħra, fosthom infermieri, li waslu bl-ambulanzi tagħhom.

Fox donnu ntebaħ u fehem għaliex dak ix-xogħol kien qed isir u dlonk indehes fosthom ixammem 'l hawn u 'l hinn fil-fetħa ta' kull ġebla li kienet qiegħda titqanqal minn dawk in-nies. Fox ma kellux sabar: beda jiġri 'l hawn u 'l hinn idef-fes geddumu f'kull xaqq, sakemm waqaf quddiem borġ ġebel li f'ġenb wieħed kellu bħal fetħa ta' wisa' li fiha Fox sata' jdaħ-ħal geddumu sewwa. Waqaf, daħħal geddumu u ttanta jdaħħal rasu wkoll, iżda ma satax; infexx iħarbex b'saqajh biex iwassa' t-toqba minn taħt, iżda wara li tajjar kemm trab sab mad-dawra, dlonk feġġet ġebla kbira. Meta ra li ma rnexxilux idaħ-ħal rasu, rafa' għajnejh, ħares bil-ħniena lejn in-nies li kienu qegħdin jaqilgħu, iħarrku u jnaddfu u beda jinbaħ kemm jiflaħ u jingħi. Kull min kien għaddej waqaf iħares lejh, u l-ħad-diema meta rawh li baqa' jinbaħ b'għajta u tinwiħa li kienet donnha qed issejħilhom għall-għajnuna, intebħu li dak il-kelb xamm xi ħaġa taħt il-ġebel fejn kien qiegħed jinbaħ. Xi ħadd li kien minn dawk l-inħawi dlonk għarfu u qal lill-ħaddiema li dak kien il-kelb ta' tifel li soltu kien jaħdem f'dak il-maħżen l-imwaqqa'. Ma damux wisq biex jifhmu li kien jeħtieġ iqanqlu dak il-borġ ġebel għax taħtu kien hemm xi ħadd mardum li ntebaħ bih il-kelb. F'kemm trodd salib l-idejn ta' dik iċ-ċorma nies bdew iqanqlu u jnaddfu ġebel u terrapien sakemm feġġet fetħa hekk kbira li minnha seta' jgħaddi raġel. Ma damx ma nstema' bħal krib u qabel ma daħal ħadd minn din it-toqba, il-kelb qabeż qabża għal ġewwa fiha u ma deherx iżjed. Erbgħa min-nies, wieħed wara l-ieħor, niżlu ġewwa fiha bil-fanali f'idejhom, fil-waqt li oħrajn komplew iwarrbu l-fetħa. Wara xi ftit tnejn minn dawk in-nies ħarġu mgħobbijin b'tifel imċappas kollu dmija. Wiċċu bil-kemm kien jingħaraf għax id-demm li kien hiereġ minn rasu kien għattihulu. Għajnejh kienu mbexxqin. Il-kelb kien miexi wrajh, iferfer denbu u moħħu biex jagħti s-salt u jaqbeż fuqu, iżda dawk iż-żewġt irġiel dlonk refgħuh malli resqet l-ambulanza u ż-żewġt irġiel l-oħra, flimkien man-nies ta' l-ewwel għajnuna, meddewh fuq katalett u daħħluh fl-ambulanza.

Dak it-tifel kien Ġolinu li ma kienx laħaq ħareġ mill-maħ-żen meta għalgħarrieda kien sar attakk mill-għadu u nxteħtu l-bombi fuq il-bini.

Malli l-bieba ta' l-ambulanza nghalqet u nstemghet l-ghajta tal-"horn" u r-roti bdew jitharrku, il-kelb beda jinbah u telaq bhal berqa ghal wara l-ambulanza li b'girja wahda hadet ir-rotta ta' l-isptar. Hekk kif l-ambulanza waqfet quddiem il-bieb ta' l-isptar u l-irgiel hargu l-katalett bil-korrut u dahhluh fl-isptar, il-kelb habat isuq ghal wara sidu, iżda dlonk sab ruhu minn barra. Il-kelb qaghad ihares lejn dak il-bieb hekk kbir li minnu ma hallewhx ighaddi, jitlob bil-hniena f'ghajnejh li jista' jidhol, iżda dawk l-ucuh imqita li dehru fuq il-bieb ghassa tieghu qatghulu qalbu; u meta beda jidlam u ra li sidu ma ragax tfacca, qata' jesu u kiebi kiebi qabad it-trieq ghal dar sidu.

* * *

Meta Fox wasal id-dar ta' sidu, omm Golinu kienet diga hadet l-ahbar li binha sabuh mirdum qalb il-gebel imwaqqa' tal-mahżen tax-xoghol u li garrewh lejn l-isptar. Qalulha wkoll kif sabuh b'rihet Fox li xamm li sidu kien mardum taht il-gebel tal-mahżen u kien iktarx jibqa' mejjet hemmhekk li kieku ma kienx il-kelb.

Malli lemhitu qabżulha d-dmugh, hasset li l-gibda li kellha lejh iżjed kibret u tbiddlet f'daqqa fl-akbar ghożża. Qalbha fiddinja ma kenitx marbuta hlief ma' binha u mal-kelb. Jekk titlef il-wiehed u l-iehor ma jkun fadlilha lil hadd li ghalih tibqa' tghix fid-dinja. Hi kienet ghadha ma taf xejn fuq il-hsara li gralu t-tifel taghha, biss li kienu qalghuh u gabruh b'xi qasma f'rasu u li hu kien ghadu haj.

Ghalhekk kienet fuq ix-xwiek biex jisbah l-ghada u tmur tarah l-isptar mal-gara li dik il-lejla baqghet maghha biex tfarragha. ...

Il-kelb b'rasu mghaddsa, malli dahal id-dar, dar dawra malkmamar, resaq lejn il-bieqja ta' l-ikel, iżda dlonk wera li ma kellux aptit, twarrab minnha u baqa' sejjer fil-kamra ta' sidu; inxtehet f'rokna, tkebbeb, dahhal rasu bejn saqajh u fittex li jaghlaq ghajnejh u jorqod; iżda ghajnejh baqghu mbexxqin, u, ma' lanqas hoss li kien jisma' wara l-bieb ta' nies ghaddejja bil-lejl, kien iqajjem rasu, jarga' jghaddasha u jibqa' b'ghajnejh imbexxqa.

* * *

L-ghada Mananni, flimkien mal-gara taghha, sebhet l-isptar ma' hogor is-sodda ta' binha li kellu rasu u ghonqu infaxxati u

minn wiċċu ma kellu jidher xejn ħlief għajnejh, imnieħru, ħaddejh u ħalqu.

Għajnejh kienu mbexxqin, iżda kultant jiftaħhom u jaqlibhom bi ħniena fuq ommu; xufftejh koħol u qajla jitħarrku. Fejn ras is-sodda kien hemm komodina, bil-wiċċ miksi b'biċċa għażel abjad, salib u żewġ gandlieri bix-xemgħa tixgħel. Ma' ġenb ommu u l-ġara kien hemm is-soru wieqfa b'idejha marbuta ssabbar lill-omm li nfexxet tibki meta rat lil binha hekk magħdur li ftit kien hemm tama li jgħix. Hi flaħħar ma felħetx tarah jaqleb għajnejh u jħares lejha donnu jrid ikellimha u ma jistax. Ressqet wiċċha ma' wiċċu, bisitu u mal-bewsa t'ommu xufftejh tħarrku: "Ma..." qal b'leħen mitfi... "Fox... fejn hu... Fox" u iżjed xejn ma qal.

* * *

Dak in-nhar ommu reġgħet marret iżżur lil binha mal-ġara; iżda Ġolinu din id-darba ma fetaħx għajnejh u lanqas ħarrek xufftejh. Il-qassis kien ġej u sejjer jittawwallu. Meta reġgħet lejn darha kien għoddu dalam u donk inxeħtet fuq is-sodda bilħwejjeġ fuqha. Il-ġara saħħnitilha ftit tè biex għallinqas ma torqodx b'xejn, għax xejn ma riedet iddduq u qagħdet bilqiegħda ma' ġenb rasha tgedwed ir-rużarju u titlob għal Ġolinu.

Fox kien mixħut fuq is-sodda u kien ilu ma jduq minn dik il-lejla li ħadu lil sidu l-isptar. Kultant kien iqum, jinżel missodda, idur mal-kamra u jibda jingħi; isib rokna, jimtedd, iżda wara ftit, iqajjem rasu, iħares lejn is-sodda ta' sidu, jitla' fuqha, jitrekken u jittanta jagħlaq għajnejh.

Kien għoddhom saru s-sagħtejn ta' bil-lejl, x'ħin f'dik ilħemda ta' dik id-dar ta' dwejjaq u qtigħ il-qalb li ma ħallew lil ħadd jagħlaq għajn f'għajn instama' d-daqq qawwi ta' l-arloġġ tal-knisja, li fejn dari kien jwennes bil-leħen tiegħu, dik il-lejla kien donnu ried jikser in-nagħsa ta' min, qalbu ttaqtaq, kien għadu jogħnos, u jheddu b'xi aħbar ħażina. Wara ftit bħal kieku biex jissieħeb ma' dak il-leħen li baqa' jidwi fis-skiet ta' l-ajru instama' l-krib, imbagħad bħal għajta twila twila tal-kelb mixħut fuq is-sodda ta' Ġolinu ma' ġenb l-imħadda.

Manannì fetħet għajnejha. Rożi, il-ġara, li kienet mimduda fuq mitraħ fl-art f'riġlejn is-sodda ta' Manannì wkoll qajmet rasha. "Il-kelb", qalet, "qed joħlom!"

—"Mhux joħlom, Roż, mhux joħlom" wieġbet Manannì.

"Dak qed jibki lil Ġolinu. Min jaf dal-ħin...!" u nfexxet tibki.
— "Orqod Mananni.... ħallik mill-biki.... Sa fil-għodu, għandu mnejn issibu aħjar," issuktat tgħidilha Rożi.

Iżda l-kelb raġa' beda jokrob u wara ftit għajjat għajta twila twila, li kellha minn bikja ta' qalb maqsuma.

Imbagħad waqa' bħal skiet miksur biss mill-ilfiq ta' l-omm.

Id-dalma ta' dik id-dar tan-niket kienet miksura minn dawl inemnem b'tazza biż-żejt quddiem ix-xbieha qadima ta' Madonna tad-Duluri fuq kredenza qadima fil-kamra tar-rqad ta' Mananni. U dak id-dawl kien beda jteptep u juri li sa jintefa x'ħin instemgħet taħbita ċkejkna fil-bieb ta' barra. Kien qed ibexbex.

"Min ġie dal-ħin?" — ħasbet Rożi. Qamet, ittawlet lil Mananni. Din kienet rieqda. Fl-aħħar l-għaja tal-ġisem u talmoħħ ġagħlitha torqod.

Rożi xeħtet dublett fuqha u xalla madwar rasha... daħlet fil-kamra l-oħra. Il-kelb ukoll kien jidher rieqed fuq is-sodda ta' Ġolinu. Resqet lejn il-bieb. "Min hemm?" — staqsiet b'leħen ħiemed. "Jien, il-kuntistabbli Ġamri", wieġeb b'leħen ukoll ħiemed ir-raġel li ħabbat.

Bexxqet kemm kemm il-bieb. Il-kuntistabbli staqsa għal Mananni. — "Rieqda" — qaltlu dik. — "Mela għalissa tqajjimhiex... Meta tqum, ara kif ittarfilha bil-mod li binha miet".—

— "Miet?!"—

— "Iva, fis-sagħtejn u nofs ta' dal-għodu. Ma kienx għal magħna... Mar ma' l-oħrajn... il-Bambin isabbarha. L-ewwel żewġha mbagħad binha."

— "Jalla l-Bambin iżomm idejh fuqna," — wieġbet Rożi.

— "Saħħa, Roż... Dak mar jitlob għalina."

— "Imsejkna, omm. Saħħa".

* * *

Rożi, minn x'ħin waslitilha l-aħbar tal-mewt ta' Ġolinu, ma kellhiex sabar tarġa' timtedd, qagħdet bil-qiegħda mgeddsa fuq siġġu ħdejn ras is-sodda ta' Mananni tqassat bil-kuruna tar-rużarju f'idejha tgħid l-avemarijiet u r-requiem aeternam, kollha ħosbiena, ittalla' u tniżżel kif sa tibda tagħti l-aħbar kerha lil Mananni tal-mewt ta' binha. "It-tifel, flaħħarnett, ma kienx għal magħna... u dan ommu kienet tistennieh" — qalet bejnha u bejn ruħha.

Malli rat li qed ibexbex, qamet minn fuq is-siġġu, daħlet

fil-kċina, kebbset il-kuċiniera u qiegħdet l-istanjata tal-kafè fuq in-nar. — "Il-Bambin ġabru... Kien wisq tifel tajjeb biex jibqa' jgħix qalb il-ħażen tal-lum... Imsejknin aħna li bqajna fid-dinja biex inġarrbu l-gwaj kollu ta' dawn iż-żminijiet hekk koroh...... Imsejkna omm li baqgħet tgħix biex tixrob l-imrar tat-telfa ta' żewġha u binha......" B'dawn il-ħsibijiet imewġu f'moħħha, Rożi kixfet il-għatu ta' l-istanjata li kienet qiegħda tagħli, tefgħet il-kafè, ħawdet bl-imgħarfa, u niżżlet l-istanjata minn fuq in-nar u ħallietha toqgħod.

"X'ħin hu?" staqsiet Mananni malli fetħet għajnejha u lemħet xaqq dawl mill-kontraporti mbexxqin tat-twejqa tal-kamra, u semgħet it-tkaxkir tal-passi ta' Rożi dieħla u ħierġa mill-kamra tar-rqad għall-kċina minn fejn kienet ħierġa r-riħa ta' kafè jagħli.

— "Għadha kif daqqet il-quddiesa tas-sitta", wieġbet lil Mananni.

— "X'waħda din; x'ħolma kerha..... dak il-kelb.... ma ħallinix nagħlaq għajn f'għajn, qabel ma siket għal .kollox", qalet Mananni bija u nieżla mis-sodda. — "Stħajjiltu qed jibki lil Ġolinu... X'waħda din!... Għadhom quddiem għajnejha: Ġolinu u l-kelb. Ġolinu qed iħares lejn il-kelb b'għajnejh miksurin.... u l-kelb jibki ħdejh. Imbagħad Ġolinu beda jipprova jkellmu, iżda l-kelma mitifu fuq xufftejh... imbagħad għalaq għajnejh għalkollox... imbagħad taħbita fil-bjeb. Ħsibt li qed noħlom.... sejjaħtlek... deherli li smajt leħnek, Roż, titkellem ma' xi ħadd... imbagħad xejn iżjed... u għajni reġgħet marret bija...... Tgħid għadu ħaj?... Kemm kien magħdur... hux tassew, Roż... fejn int Roż?..."

Qamet u bdiet tħarrek il-passi biex tara fejn hi Rożi... daħlet fil-kamra tat-tifel... tl-aħħar lemħitha f'rokna b'wiċċha midfun ġewwa l-fardal, iżżomm il-biki.

"X'ġara?!" staqsietha Mananni bir-rogħda fuqha.

"Xejn," wieġbet l-oħra, bla ma tista' żżomm il-biki.

"Mela tassew dak li ħlomt... mela tassew dak li ħsibt... mela tassew li ġew iħabbtu... tassew li ġew jagħtuk l-aħbar li Ġolinu......" u bla ma felħet toħroġ kelma oħra minn fommha, inxteħtet fuq ħoġor is-sodda u nfexxet f'bikja qawwija bħal meta, wara li jkun ilu jinġama' l-isħab iswed u jgħatti s-smewwiet minn tarf sa tarf, f'daqqa waħda tibda nieżla x-xita bil-qliel.

Tektika ċkejkna fil-bieb ġagħlet lil Mananni teħda mill-biki

u tarfa' rasha u tixxotta d-dmugħ. — "Roż, Roż!" instema' jsejjaħ xi ħadd b'leħen ħiemed. Kienet Lela, ġara oħra, ħtint Rożi.

"X'aħbar għandkom?" — staqsiet lil Rożi li qamet u marret tbexxaq il-bieb. Rożi, bla ma fetħet fommha għamlitilha b'idejha s-sinjal tas-salib u reġgħet għalqet.

Mananni refgħet rasha, ixxuttat id-dmugħ, issemmgħet, iżda ma semgħet xejn ħlief il-bieb jingħalaq. Għajnejha dlonk marru fuq il-kelb mixħut fuq is-sodda ma' ġenb l-imħaded li fuqhom binha kien imidd rasu... Ratu ma ċċaqlaq xejn. Messitu. Kien kiesaħ. — "Mejjet ukoll!" għajtet, "mejjet ukoll! Issa tassew ma fadalli 'l ħadd fid-dinja." U nfexxet f'bikja wisq iżjed kbira minn ta' qabel.

Rożi resqet lejha; sejħitilha; iżda din baqgħet mixħuta tolfoq u tolfoq fuq il-kelb li kien mejjet.